**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Diċembru, 2024**

**Talba Nru: 122/2023MD**

**GO p.l.c (C22334)**

**Vs**

**Xhevahir Duruku (228542A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-28 ta' Marzu, 2023[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlett'elef u erbgħa u ħamsin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżimu (€3,054.85) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 41012778; bl-ispejjeż u drittijiet, inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali bir-referenza 2487/22 u bl-imgħaxijiet legali.

Ra l-fattura u d-dokumenti[2] annessi mal-istess Avviż.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm l-konvenut ġie debitament notifikat bl-Avviż, ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u lanqas ma deher għas-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2024[3].

---

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 2 et seq tal-proċess
[3] A fol 75 tal-proċess

Sema x-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi Maryanne Camilleri[4] fil-kariga ta' *Senior Credit Control Officer*, fejn ikkonfermat li l-bilanċ ta' tlett'elef u erbgħa u ħamsin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżimi (€3,054.85) għadu dovut mil-konvenut u kkonfermat il-fattura[5].

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra li t-talba tirriżulta kkonfermata mill-fattura u d-dokumenti annessi mal-istess Avviż li jindika li l-ammont dovut, kif ukoll mix-xhieda ta' Marianne Camilleri.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attriċi billi jikkundanna lil konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlett'elef, u erbgħa u ħamsin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżimu (€3,054.85) bl-imgħax dekorribbli mit-18 ta' April, 2022[6] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali bin-numru 2487/2022 jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[4] A fol 76 et seq tal-proċess, xhieda datata 3 ta' Ottubru, 2024
[5] A fol 2 tal-proċess
[6] Skont il-fattura a fol 2 tal-proċess